

ANNESS I
KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

CLYNAV soluzzjoni għall-injezzjoni

2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Sustanza Attiva:

Kull doża ta' 0.05 ml fiha: pUK-SPDV-poly2#1 DNA kodifikazzjoni tal-plasmid għall-proteini tal-virus tal-marda tal-frixa tas-salamun; 6,0 – 9,4 µg

Ingredjenti(<i>) ieħor/oħra:

Kompożizzjoni kwalitattiva tal-ingredjenti u kostitwenti oħra
Potassium chloride
Potassium dihydrogen phosphate
Disodium hydrogen phosphate heptahydrate
Sodium chloride
Ilma ppurifikat

Soluzzjoni ċara, bla kulur u bla frak.

3. TAGĦRIF KLINIKU

3.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*).

3.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott.

Għat-tilqima attiva tas-salamun tal-Atlantiku biex jitnaqqsu l-indeboliment fiż-żieda fil-piż ta' kuljum, u tnaqqas il-mortalità, u leżjonijiet tal-muskoli kardijaċi, tal-frixa u skeletriċi kkawżati minn mard tal-frixa wara infezzjoni b'salmonid alphavirus sottotip 3 (SAV3).

Il-bidu tal-immunità jseħħ fi żmien 399 jum ta' gradi (medja tat-temperatura tal-ilma f°C immultiplikata bin-numru ta' jiem ta' tiżmim) wara t-tilqima.

Perjodu tal-immunità: Sena waħda għat-tnaqqis tal-indeboliment fiż-żieda tal-piż ta' kuljum, u leżjonijiet tal-qalb, pankreatiċi u muskolu-skeletriċi u 9.5 xhur għat-tnaqqis tal-mortalità (muri fi studju dwar l-effikaċja f'laboratorju f'kundizzjonijiet bl-ilma mielaħ bl-użu ta' mudell ta' challenge tal-koabitazzjoni).

3.3 Kontraindikazzjonijiet

Xejn.

3.4 Twissijiet speċjali

Laqqam annimali f'saħħithom biss.

3.5 Prekawzjonijiet speċjali għall-użu

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu sigur fl-ispeċi li fuqhom ser jintuża l-prodott:

Piż minimu tal-ġisem ta' 25 g hu rakkomandat meta ssir it-tilqima.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali:

F'każ li tinjetta lilek innifsek b'mod aċċidentali, fittex parir mediku mall-ewwel u qis li turi l-fuljett ta' tagħrif jew it-tikketta lit-tabib.

Tagħmir ta' protezzjoni personali, pereżempju, li jikkonsisti minn ingwanti protettivi xierqa, għandu jintlibes waqt li qed jiġi mmaniġġjat il-prodott mediċinali veterinarju.

3.6 Effetti mhux mixtieqa

Salamun tal-Atlantiku:

Komuni ħafna (>1 annimal / 10 annimali ttrattati):	Għawm anormali fil-ħut ¹ Bidla fil-kulur tal-ħut ² , Inappetenzza ³
Komuni (1 sa 10 annimali / 100 annimal ittrattati):	Korrimenti bil-labra fis-sit tal-injezzjoni ⁴

¹ sa jumejn.

² sa sebat ijiem.

³ sa disat ijiem.

⁴ il-korrimenti bil-labra jistgħu jippersistu sa 5% tal-ħut għal mill-inqas 90 jum, u dan jista' jiġi osservat kemm makroskopikament u kemm mikroskopikament.

3.7 Użu fit-tqala, fit-treddigħ u fi żmien il-bidien

Fertilità:

L-effett dan tal-vaċċin fuq il-prestazzjoni riproduttiva ma ġiex investigat. Tużax f'ħut li jkun intgħażel għat-tgħammir.

3.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni

M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' dan il-vaċċin jekk jintuża flimkien ma' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju ieħor. Id-deċiżjoni sabiex jintuża dan il-vaċċin qabel jew wara xi prodott mediċinali veterinarju ieħor, għaldaqstant għandha tittieħed każ b'każ.

3.9 Metodi ta' amministrazzjoni u dożaġġ

Użu għal ġol-muskoli.

Ċaqlaq il-prodott bil-mod qabel l-użu.

Istruzzjonijiet tal-kit tat-tubing tat-trasferiment: bl-użu tat-tarf bil-ponta, waħħal is-sett tat-tubing tat-trasferiment fuq il-fill port tal-ethyl vinyl acetate (EVA), billi ddawwar ¼ ta' tidwira sabiex twaħħal il-linja fil-post. It-tarf l-ieħor tas-sett tat-tubing tat-trasferiment jikkonnettja mat-tagħmir tal-injezzjoni tat-tilqima (gun).

Anestetizza l-ħut biex timmobilizzahom u aġti 0.05 ml tat-tilqima permezz ta' injezzjoni ġol-muskoli fil-muskolu epassjali. Poġġi l-labra f'90° fil-muskolu epaxjali, fiż-żona immedjatament anterjuri u laterali għall-pinen dorsali, tul linja ekwidistanti mill-pinen dorsali u l-linja tan-nofs, u fil-punt tal-girth massimu tal-muskolu a

Ibbażat fuq piż ta' ħuta ta' 25 g, labra standard b'dijametru ta' 0.5 mm u fond ta' 3 mm hi rakkomandata biex tintuża b'mod regolari. Għandha tingħata konsiderazzjoni għall-piż tal-ħut qabel ma ssir l-għażla finali. It-tagħmir tal-injezzjoni għandu jiġi kkalibrat u eżaminat b'mod regolari biex jiġi żgurat id-dożaġġ xieraq tal-ħut.

3.10 Sintomi ta' doża eċċessiva (u fejn applikabbli, proċeduri ta' emerġenza u antidoti)

L-ebda effetti, ħlief dawk deskritti f'sezzjoni 4.6 ma kienu osservati wara l-amministrazzjoni ta' doża eċċessiva għaxar darbiet oġġla mid-doża normali.

3.11 Restrizzjonijiet speċjali għall-użu u kundizzjonijiet speċjali għall-użu, inklużi restrizzjonijiet dwar l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi u antiparassitiċi sabiex jiġi limitat ir-riskju ta' żvilupp ta' reżistenza

Kull persuna li għandha ħsieb timmanifattura, timporta, iżżomm, tbigħ, tipprovdi u/jew tuża dan il-prodott mediċinali veterinarju għandha l-ewwel tikkuntattja l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rilevanti dwar il-programmi ta' tilqim fis-seħħ, minħabba li dawn l-attivitajiet jistgħu jkunu pprojbiti fit-teritorju kollu ta' Stat Membru jew f'parti minnu skont il-liġi nazzjonali.

3.12 Perjodi ta' tiżmim

Żero gradi-ġranet.

4. INFORMAZZJONI IMMUNOLOĠIKA

4.1 Kodiċi ATC veterinarja: QI10AX.

CLYNAV jistimula l-immunità attiva kontra salmonid alphavirus sottotip 3 (SAV3).

CLYNAV fih plasmid DNA supercoiled li jesprimi l-proteini tal-alphavirus tas-salamun li jinduċi rispons immuni protettiv fis-salamun imlaqqam tal-Atlantiku.

5. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

5.1 Inkompatibiltajiet maġġuri

Fin-nuqqas ta' studji dwar kompatibilità, dan il-prodott mediċinali veterinarju ma jistax jintuża flimkien ma' prodotti mediċinali veterinarji oħra.

5.2 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

Żmien kemm idum tajjeb l-prodott mediċinali veterinarju kif ippakkjat għall-bejgħ: 14-il xahar. Żmien kemm idum tajjeb wara li jkun infetaħ l-ippakkjar li jmiss mall-prodott: 10 sigħat.

5.3 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Aħżen u ttrasporta ġo friġġ (2 C – 8 C).

5.4 In-natura u l-għamla tal-ippakkjar li jmiss mal-prodott

Borża ta' ethyl vinyl acetate (EVA) ta' 250 ml, sterili, flessibbli, b'locking snap down port. Transfer tube set sterili u ppakkjat individwalment hu inkluż fl-ippakkjar finali tal-prodott.

5.5 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Il-mediċini m'għandhomx jiġu mormija mal-ilma maħmuġ jew mal-iskart domestiku.

Uża skemi ta' teħid lura għar-rimi ta' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju skont kif jitolbu r-regolamenti tal-pajjiż u skont kwalunkwe sistema nazzjonali tal-ġbir applikabbli għall-prodott mediċinali veterinarju kkonċernat.

6. ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Intervet International B.V.

7. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/16/197/001

8. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 27/06/2017

9. DATA TAL-AĦĦAR REVIŻJONI TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOOSR

07/2024

10. KLASSIFIKAZZJONI TAL-PRODOTTI MEDIĊINALI VETERINARJI

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju hija disponibbli fid- '*database*' tal-Prodotti tal-Unjoni (<https://medicines.health.europa.eu/veterinary>).

ANNESS II

KONDIZZJONIJIET U ĦTIĠIJIET OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Xejn

ANNESS III

TIKKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF

A. TIKKETTA

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

TAL-KARTUN

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

CLYNAV soluzzjoni għall-injezzjoni

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

Kull doża ta' 0.05 mL fiha:

pUK-SPDV-poly2#1 DNA kodifikazzjoni tal-plasmid għall-proteini tal-virus tal-marda tal-frixa tas-salamun: 6,0 – 9,4 µg

3. DAQS TAL-PAKKETT

250 ml

4. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*).

5. INDIKAZZJONIJIET

6. MODI TA' AMMINISTRAZZJONI

Injezzjoni ġol-muskoli.

Ċaqlaq il-prodott bil-mod qabel l-użu.

7. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Żmien ta' tiżmim: Żero gradi-ġranet.

8. DATA TA' SKADENZA

Exp. {JJ/XX/SSSS}

Ladarba jinfetaħ uża fi żmien 10 sigħat.

9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen u ttrasporta ġo friġġ.

10. IL-KLIEM "AQRA L-FULJETT TA' TAGĦRIF QABEL L-UŻU"

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

11. IL-KLIEM “GĦALL-KURA TAL-ANIMALI BISS”

Għall-kura tal-animali biss.

12. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL”

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

13. L-ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Intervet International B.V.

14. NUMRI TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/16/197/001

15. NUMRU TAL-LOTT

Lot {numru}

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT LI JMISS MAL-PRODOTT

FLESSIBBLI (250 ml)

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

CLYNAV soluzzjoni għall-injezzjoni

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

Kull doża ta' 0.05 mL fiha:

pUK-SPDV-poly2#1 DNA kodifikazzjoni tal-plasmid għall-proteini tal-virus tal-marda tal-frixa tas-salamun: 6,0 – 9,4 µg

3. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*).

4. MODI TA' AMMINISTRAZZJONI

Użu intramuskolari Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

Ċaqlaq il-prodott bil-mod qabel l-użu.

5. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Żmien ta' tiżmim: Żero gradi-ġranet.

6. DATA TA' SKADENZA

Exp. {JJ/XX/SSSS}

Ladarba jinfetaħ uża fi żmien 10 sigħat.

7. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen u ttrasporta ġo friġġ.

8. L-ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Intervet International B.V.

9. NUMRU TAL-LOTT

Lot {numru}

B. FULJETT TA' TAGĦRIF

FULJETT TA' TAGĦRIF GĦAL:

1. L-isem tal-prodott mediċinali veterinarju

CLYNAV soluzzjoni għall-injezzjoni

2. Kompożizzjoni

Kull doża ta' 0.05 ml fiha: pUK-SPDV-poly2#1 DNA kodifikazzjoni tal-plasmid għall-proteini tal-virus tal-marda tal-frixa tas-salamun; 6,0 – 9,4 µg

Soluzzjoni ċara, bla kulur u bla frak.

3. Speċi li għalihom huwa indikat il-prodott

Salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*).

4. Indikazzjonijiet għall-użu

Għat-tilqima attiva tas-salamun tal-Atlantiku biex jitnaqqsu l-indeboliment fiż-żieda fil-piż ta' kuljum, u tnaqqas il-mortalità, u leżjonijiet tal-muskoli kardijaċi, tal-frixa u skelettriċi kkawżati minn mard tal-frixa wara infezzjoni b' salmonid alphavirus sottotip 3 (SAV3).

Il-bidu tal-immunità jseħħ fi żmien 399 jum ta' gradi (medja tat-temperatura tal-ilma f°C immultiplikata bin-numru ta' jiem ta' tiżmim) wara t-tilqima.

Perjodu tal-immunità: Sena waħda għat-tnaqqis tal-indeboliment fiż-żieda tal-piż ta' kuljum, u leżjonijiet tal-qalb, pankreatiċi u muskolu-skelettriċi u 9.5 xhur għat-tnaqqis tal-mortalità (muri fi studju dwar l-effikaċja f'laboratorju f'kundizzjonijiet bl-ilma mielaħ bl-użu ta' mudell ta' challenge tal-koabitazzjoni).

5. Kontraindikazzjonijiet

Xejn.

6. Twissijiet speċjali

Twissijiet speċjali:

Laqqam annimali f'saħħithom biss.

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu sigur fl-ispeċi għal xiex huwa indikat:

Piż minimu tal-ġisem ta' 25 g hu rakkomandat meta ssir it-tilqima.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali:

Tagħmir ta' protezzjoni personali, pereżempju, li jikkonsisti minn ingwanti protettivi xierqa, għandu jintlibes waqt li qed jiġi mmaniġġjat il-prodott mediċinali veterinarju.

Fertilità:

L-effett dan tal-vaċċin fuq il-prestazzjoni riproduttiva ma ġiex investigat. Tużax f'annimali riprodutturi.

Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħrajn u forom oħrajn ta' interazzjoni:

M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' dan il-vaċċin jekk jintuża flimkien ma' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju ieħor. Id-deċiżjoni sabiex jintuża dan il-vaċċin qabel jew wara xi prodott mediċinali veterinarju ieħor, għaldaqstant għandha tittieħed każ b'każ.

Doża eċċessiva:

L-ebda effetti ħlief dawk deskritti f'sezzjoni „Effetti mhux mixtieqa“ ma kienu osservati wara l-amministrazzjoni ta' doża eċċessiva għaxar darbiet ogħla mid-doża normali.

Restrizzjonijiet speċjali għall-użu u kundizzjonijiet speċjali għall-użu:

Kull persuna li għandha ħsieb timmanifattura, timporta, iżżomm, tbigħ, tipprovdi u/jew tuża dan il-prodott mediċinali veterinarju għandha l-ewwel tikkuntattja l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru relevanti dwar il-programmi ta' tilqim fis-seħħ, minħabba li dawn l-attivitajiet jistgħu jkunu pprojbiti fit-teritorju kollu ta' Stat Membru jew f'parti minnu skont il-liġi nazzjonali.

Inkompatibilitajiet maġġuri:

Fin-nuqqas ta' studji dwar kompatibilità, dan il-prodott mediċinali veterinarju ma jistax jintuża flimkien ma' prodotti mediċinali veterinarji oħra.

7. Effetti mhux mixtieqa

Salamun tal-Atlantiku:

Komuni ħafna (>1 animal / 10 animali ttrattati):
Għawm anormali fil-ħut ¹
Bidla fil-kulur tal-ħut ² , Inappetenzza ³
Komuni (1 sa 10 animali / 100 animal ittrattati):
Korrimenti bil-labra fis-sit tal-injezzjoni ⁴

¹ sa jumejn.

² sa sebat ijiem.

³ sa disat ijiem.

⁴ il-korrimenti bil-labra jistgħu jippersistu sa 5% tal-ħut għal mill-inqas 90 jum, u dan jista' jiġi osservat kemm makroskopikament u kemm mikroskopikament.

Ir-rappurtar ta' effetti mhux mixtieqa huwa importanti. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tas-sigurtà ta' prodott. Jekk tinnota xi effetti serji anke dawk mhux imsemmija f'dan il-fuljett, jew taħseb li l-mediċina ma ħadmitx, jekk jogħġbok ikkuntattja, mall-ewwel, lill-verinarju tiegħek. Tista' tirrapporta wkoll kwalunkwe effett mhux mixtieq lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq jew lir-billi tuża d-dettalji ta' kuntatt fit-tmiem ta' dan il-fuljett, jew permezz tas-sistema ta' rapportaġġ nazzjonali: {dettalji tas-sistema nazjonali}

8. Doża għal kull speċi, mod u metodu ta' amministrazzjoni

Użu għal ġol-muskoli.

Anestetizza l-ħut biex timmobilizzahom u aġhti 0.05 ml permezz ta' injezzjoni ġol-muskoli fiż-żona fil-muskolu epassjali.

9. Parir sabiex tamministra b'mod korrett

Ċaqlaq il-prodott bil-mod qabel l-użu.

Istruzzjonijiet tal-kit tat-tubing tat-trasferiment: bl-użu tat-tarf bil-ponta, waħħal is-sett tat-tubing tat-trasferiment fuq il-fill port tal-ethyl vinyl acetate (EVA), billi ddawwar ¼ ta' tidwira sabiex twaħħal il-linja fil-post. It-tarf l-ieħor tas-sett tat-tubing tat-trasferiment jikkonnettja mat-tagħmir tal-injezzjoni tat-tilqima (gun).

Poġġi l-labra f'90° fil-muskolu epaxjali, fiż-żona immedjatement anterjuri u laterali għall-pinen dorsali, tul linja ekwidistanti mill-pinen dorsali u l-linja tan-nofs, u fil-punt tal-girth massimu tal-muskolu

Ibbażat fuq piż ta' ħuta ta' 25 g, labra standard b'dijametru ta' 0.5 mm u fond ta' 3 mm hi rrakkomandata biex tintuża b'mod regolari. Għandha tingħata konsiderazzjoni għall-piż tal-ħut qabel ma ssir l-għażla finali. It-tagħmir tal-injezzjoni għandu jiġi kkalibrat u eżaminat b'mod regolari biex jiġi żgurat id-dożaġġ xieraq tal-ħut.

10. Perjodi ta' tiżmim

Zero gradi-ġranet.

11. Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

Aħżen u ttrasporta fil-friġġ (2 °C – 8 °C).

Tużax dan il-prodott mediċinali veterinarju wara d-data ta' skadenza murija fuq it-tikketta wara Exp.

Żmien kemm idum tajjeb wara li jkun infetaħ l-ippakkjar li jmiss mall-prodott: 10 sigħat.

12. Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi

Il-mediċini m'għandhomx jiġu mormija mal-ilma maħmuġ jew mal-iskart domestiku.

Uża skemi ta' teħid lura għar-rimi ta' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju skont kif jitolbu r-regolamenti tal-pajjiż u skont kwalunkwe sistema nazzjonali tal-ġbir applikabbli. Dawn il-miżuri għandhom jgħinu sabiex jipproteġu l-ambjent.

Staqs lill-kirurgu veterinarju jew lill-ispiżjar tiegħek dwar kif l-aħjar li tarmi l-mediċini li ma jkunux aktar meħtieġa.

13. Klassifikazzjoni tal-prodotti mediċinali veterinarji

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

14. Numri tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u d-daqsijiet tal-pakkett

EU/2/16/197/001

Borża ta' ethyl vinyl acetate (EVA) ta' 250 ml, sterili, flessibbli, b'locking snap down port. Transfer tube set sterili u ppakkjat individwalment hu inkluż fl-ippakkjar finali tal-prodott.

15. Id-data li fiha ġie rivedut l-aħħar il-fuljett ta' tagħrif

05/2025

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju hija disponibbli fid-*'database'* tal-prodotti tal-Unjoni (<https://medicines.health.europa.eu/veterinary>).

16. Dettalji ta' kuntatt

Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u d-dettalji ta' kuntatt biex jiġu rrapportati effetti mhux mixtieqa:

Intervet International B.V., Wim de Körverstraat 35, 5831 AN Boxmeer, L-Olanda

België/Belgique/Belgien

Tél/Tel: + 32 (0)2 370 94 01

Lietuva

Tel: + 37052196111

Република България

Тел: + 359 28193749

Luxembourg/Luxemburg

Tél/Tel: + 32 (0)2 370 94 01

Česká republika

Tel: +420 233 010 242

Magyarország

Tel.: + 36 1 439 4597

Danmark

Tlf: + 45 44 82 42 00

Malta

Tel: + 39 02 516861

Deutschland

Tel: + 49 (0)8945614100

Nederland

Tel: + 32 (0)2 370 94 01

Eesti

Tel: + 37052196111

Norge

Tlf: + 47 55 54 37 35

Ελλάδα

Τηλ: + 30 210 989 7452

Österreich

Tel: + 43 (1) 256 87 87

España

Tel: + 34 923 19 03 45

Polska

Tel.: + 48 22 18 32 200

France

Tél: + 33 (0)241228383

Portugal

Tel: + 351 214 465 700

Hrvatska

Tel: + 385 1 6611339

România

Tel: + 40 21 311 83 11

Ireland

Tel: + 353 (0) 1 2970220

Slovenija

Tel: + 385 1 6611339

Ísland

Sími: + 354 535 7000

Slovenská republika

Tel: +420 233 010 242

Italia

Tel: + 39 02 516861

Suomi/Finland

Puh/Tel: + 358 10 2310 750

Κύπρος

Τηλ: +30 210 989 7452

Sverige

Tel: + 46 (0)8 522 216 60

Latvija

Tel: + 37052196111

United Kingdom (Northern Ireland)

Tel: + 353 (0) 1 2970220

Manifattur responsabbli għall-ħruġ tal-lott:

Merck Sharp & Dohme Animal Health S.L.

Polígono Industrial El Montalvo I

Calle Zeppelin 6, Parcela 38

37008 Carbajosa de la Sagrada

Salamanca

Spanja

17. Tagħrif ieħor

CLYNAV jistimula l-immunità attiva kontra salmonid alphavirus sottotip 3 (SAV3).

CLYNAV fih plasmid DNA supercoiled li jesprimi l-proteini tal-alphavirus tas-salamun li jinduċi rispons immuni protettiv fis-salamun imlaqqam tal-Atlantiku.